

It-tielet nett, ir-rikorrenti tinvoka ksur tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, minħabba motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata. Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma pprovdietx kjarifika u ma ħallietx lill-awtoritajiet Pollakki jieħdu konjizzjoni tal-korrezzjoni importanti ordnata fir-rigward tal-allegati nuqqasijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 257, p. 28.

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 414).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU L 209, p. 1).

<sup>(4)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jiippreksivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvedimenti dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

<sup>(5)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 817/2004, tad-29 ta' April 2004, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u l-Garanzija (FAEGG) (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 46, p. 87).

Settembru 2009, mogħtija fil-Kawża Kerstens vs Il-Kummissjoni, F-102/07, li permezz tagħha t-TSP ċaħad bħala infondat rikors li għandu bħala suġġett talba għall-annullament ta' diversi deċiżjoni jiet tal-Kummissjoni dwar l-għoti lill-appellant ta' punti ta' priorità tad-Direttorat Ġenerali (PPD ġ) u ta' punti ta' priorità minħabba funzjonijiet addizzjonalni mwettqa fl-interess tal-istituzzjoni (PPII) fil-proċeduri ta' promozzjoni 2004, 2005 u 2006.

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka żewġ aggravji bbażati fuq:

- żball ta' li ġi mit-TSP fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugħwali, tal-Artikolu 5 tad-dispożizzjoni jiet-ġenerali dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' kriterji ddefiniti mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Pagament ta' Drittijiet Individuali għall-għalli-għoti ta' punti ta' priorità għas-sena 2005 skont id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq kif ukoll żnaturament tal-provi;
- nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża inkwantu t-TSP ibbażha ruħu fuq allegat estratt tar-rapport tal-iż-żvilupp tal-karriera 2004 li ma ġiex ippreżentat u ma setax jiġi kkontestat mill-partijiet.

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2009 minn Petrus Kerstens mis-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-102/07, Kerstens vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-498/09 P)**

(2010/C 51/67)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

**Appellant:** Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

**Appellata:** Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellant

- jannulla s-sentenza appellata;
- jirrinvija l-kawża lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan l-appell, l-appellant jitlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) tad-29 ta'

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2009 — Inovis vs UASI — Sonaecom (NOVIS)**

**(Kawża T-502/09)**

(2010/C 51/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

**Rikorrenti:** Inovis, Inc. (Alpharetta, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Black u B. Ladas, solicitors)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Sonaecom — Serviços de Comunicações, S.A. (Maia, il-Portugall)

## Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-14 ta' Settembru 2009, fil-Każ R 1691/2008-1;
- tordna lill-Bord tal-Appell tal-UASI sabiex jirreġistra l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja; u